MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) BORDIJIET

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 77/1998/3

**Palmar Limited**

**vs**

**Victor Ciantar**

**Il-Qorti,**

Ir-rikorrenti Victor Ciantar, b'azzjoni separata, ipproceda ghar-ritrattazzjoni tal-kawza wara d-decizjoni ta' dina l-Qorti moghtija fit-28 ta' Dicembru 2001.

Issa fil-pendenza ta' dik l-istanza, u permezz tar-rikors odjern qed jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' din l-istess decizjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 823 tal-Kap 12.

L-imsemmi digriet tal-ligi procedurali jissanzjona zewg rekwiziti bazici ghall-akkoljiment tat-talba li tordna t-twaqqif ta’ l-ezekuzzjoni ta’ sentenza, u cjoe,

(a) l-ghoti ta’ garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza;
(b) li l-parti li tippromwovi t-talba tissodisfa lill-qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta’ l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja.

Din il-Qorti gja kellha okkazjoni tippronunzja ruhha f’kuntest konsimili fil-kaz “**Michael Cutajar –vs- Roberta Muscat**”, 16 ta’ Dicembru 2002. Inter alia, gie hekk provdut:-

(i) Ir-rikorrent ghandu jipprovdi garanzija adegwata, konsiderati d-drittijiet tal-intimata gja akkwiziti bis-sentenza, issa ritrattata. Dan anke ghal motiv illi t-talba ghas-sospensjoni hi deroga ghar-regola sancita fis-subinciz (1) ghall-Artikolu 823 u li tafferma li “t-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata”.
(ii) Kwantu ghall-aqwa jew l-anqas pregudizzju fil-bilancja bejn il-kontendenti giet segwita l-prassi li fejn is-sospensjoni tkun ta’ zgumbrament, sakemm ma jirrikorrux ragunijiet tabilhaqq specjali, ‘prima facie’ ghallanqas, il-pregudizzju ta’ min ikun kolpit bl-izgumbrament huwa aktar minn dak ta’ min ser jirriprendi hwejjgu lura. Dan fuq l-iskorta tad-decizjonijiet “**George Pavia –vs- Joseph Micallef**”, Appell Civili, 4 ta’ Mejju 1992, “**Giusa Bugeja –vs- Isidoro Agius**”, Appell Civili, 17 ta’ Marzu 1993; “**A. Rizzo –vs- A. Bezzina**”, Appell Civili, 10 ta’ Mejju 1995.

Anke f’dan il-kaz il-Qorti ma tara l-ebda raguni l-ghala m’ghandiex issegwi d-dettami ta’ dawn id-decizjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u qed tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza taghha tat-28 ta’ Dicembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi u dana sakemm tigi deciza l-kawza tar-ritrattazzjoni. B’dan illi zmien gimgha mil-lum ir-rikorrenti ghandu jiddepozita fir-

Registru ta' din il-Qorti l-ammont ta' erba' mitt Lira (Lm400) in linea ta' garanzija ai termini ta' l-Artikolu 823 (2)(a) tal-Kap 12. Prova ta' dan id-depozitu b'kopji tar-ricevuta relattiva ghandhom jiddahhlu b'nota fl-atti ta' din il-kawza kif ukoll f'dik tar-ritrattazzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------